IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.2.2014
COM(2014) 77 final

Rakkomandazzjoni għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fl-24 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u r-Repubblika tal-Kroazja, mas-Serbja sabiex tikkonkludi Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Fit-28 ta' Jannar 2013 u fit-13 ta' Marzu 2013 saru żewġ ċikli ta' negozjati li kienu segwiti minn iktar kjarifiki tekniċi u skambju ta' korrispondenza. Il-Protokoll ġie inizjalat mill-Kummissjoni u l-Gvern tal-Montenegro fl-10 ta' Diċembru 2013. It-test tal-abbozz tal-Protokoll huwa mehmuż.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jiddeċiedi dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u jikkonkludi l-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (KEEA) hija wkoll parti għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Għall-konklużjoni tal-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KEEA.

F'konformità mal-Artikolu 101 tat-Trattat tal-KEEA, id-deċiżjoni li jiġi ffirmat il-Ftehim tiġi adottata mill-Kummissjoni u d-deċiżjoni li jiġi konklużż il-ftehim tiġi adottata mill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu adottati deċiżjonijiet separati għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll mill-UE u mill-KEEA.

Għall-konklużjoni tal-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill:

– jagħti l-approvazzjoni tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KEEA.

Rakkomandazzjoni għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tas-Serbja sabiex tikkonkludi Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll").

(2) Dawn in-negozjati ntemmu b'suċċess u l-Protokoll ġie inizjalat fl-10 ta' Diċembru 2013.

(3) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Protokoll għandha tiġi approvata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(4) Il-firma u l-konklużjoni tal-Protokoll hija soġġetta għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni u l-Istati Membri.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea hija b'dan approvata.

It-test tal-Protokoll jiġi mehmuż mad-Deċiżjoni meta tiġi ffirmata.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*